MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru 1060/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**-omissis-**
**Christian Said**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Christian Said ta' wiehed u tletin (31) sena, iben Michael u Emanuela neè Sciberras, imwieled Pietà nhar is-17 ta' Mejju 1983, residenti Block A1, Flat 2, Housing Estate, Fgura u detentur ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 103884(M) talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar it-28 ta' Ottubru 2014, ghall-habta tat-3.30p.m., minn banka tal-lottu (nru 341) fi Vjal il-Helsien, Zebbug, ikkommetta serq ta' karus tal-karità kontenenti muniti ghad-dannu tal-Moviment Missjunarju Gesu fil-Proxxmu u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;

2. Nhar is-27 ta' Ottubru 2014, ghall-habta tas-7.45p.m., minn gewwa l-istabbiliment 'Cafe De Republique' fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, ikkommetta serq ta' karus tal-karità kontenenti flus kontanti (muniti), liema serq hu aggravat bil-hin u li sar ghad-dannu ta' l-entità

Inspire ta' Marsaskala u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;

3. Nhar l-24 ta' Ottubru 2014, ghall-habta tas-6.15a.m., mill-hanut 'JM Bonello Butcher' fi Triq il-Kapuccini, Kalkara, ikkommetta serq ta' baskett kontenti, fost ohrajn, flus kontanti u Cheque Book tal-HSBC Bank Malta plc, liema serq hu aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), u li sar ghad-dannu ta' Charmaine Gerada u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;

4. Nhar it-22 ta' Ottubru 2014, ghall-habta tal-5.15p.m., gewwa il-hanut 'New Look' fi Triq Haz-Zabbar, Fgura, ikkommetta serq ta' karus tal-karità kontenenti flus (muniti) ghad-dannu ta' l-entità Breast Cancer Awareness ta' Marsaskala u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;

5. Nhar it-13 ta' Ottubru 2014, f'xi hin bejn id-9.15a.m. u l-11.30a.m., ikkommetta serq ta' flus minn vettura tat-tip Mercedes bin-Numru tar-Registrazzjoni FAF-302, li kienet ipparkjata fi Triq il-Kbira, Sqaq Nru. 3, Zabbar, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Josmar Agius u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;

6. Nhar is-27 ta' Ottubru 2014, ghall-habta ta' l-4.30p.m., minn gewwa l-hanut 'Figaro' fi Triq Domenico Cachia, Birkirkara, ikkommetta serq ta' karus tal-karità kontenenti flus kontanti (muniti), liema serq sar ghad-dannu ta' l-entità Mission Fund u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;

7. Nhar is-27 ta' Ottubru 2014, f'xi hin bejn l-4.30p.m. u l-5.30p.m., minn gewwa l-hanut 'Ta' Mallia' fi Triq il-Kbira, Birkirkara, ikkommetta serq ta' karus tal-karità kontenenti flus kontanti (muniti), liema serq sar ghad-dannu ta' l-entità Inspire ta' Marsaskala u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;

8. Fil-lejl bejn l-4 u l-5 ta' Awwissu 2014, ikkommetta serq ta' flus minn vettura tat-tip Ford Connect bin-Numru tar-Registrazzjoni FGV-047, li kienet ipparkjata fi Triq l-Imdina, Qormi, liema serq hu aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' Paul Borg u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra;

9. Ikkommetta l-istess reati hawn addebitati lilu, ilkoll punibbli bi prigunerija, fit-terminu operattiv ta' Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Orndi inghata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Marse-Ann Farrugia LL.D. fil-11 ta' Jannar 2013 ghal perijodu ta' tlett (3) snin;

10. Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), presjeduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D., datat 27 ta' Awwissu 2014, li permezz tieghu l-istess imputat kien inghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

11. L-indirizz fuq il-Karta ta' l-Identità tieghu ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, u minghajr dewmien, huwa naqas milli jirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess Karta ta' l-Identità mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat ta' ksur tal-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest, tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tal-helsien mill-arrest datat 27 ta' Awwissu 2014 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imputat, kif ukoll li tordna li s-somma ta' hamest elef Euro (€5,000), bhala garanzija personali, li giet imposta fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament l-estratt tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat Dok. "A", il-fedina penali ta' l-imputat Dok. "B", stqarrija rilaxxata mill-imputat Dok. "C", u dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-parir legali Dok. "D";

Rat illi l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u rat li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-imputat qed jigi akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda: (1) Nhar it-28 ta' Ottubru 2014, ghall-habta tat-3.30p.m., minn banka tal-lottu (nru 341) fi Vjal il-Helsien, Zebbug, ikkommetta serq ta' karus tal-karità kontenenti muniti ghad-dannu tal-Moviment Missjunarju Gesu fil-Proxxmu u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra; (2) Nhar is-27 ta' Ottubru 2014, ghall-habta tas-7.45p.m., minn gewwa l-istabbiliment 'Cafe De Republique' fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, ikkommetta serq ta' karus tal-karità kontenenti flus

kontanti (muniti), liema serq hu aggravat bil-hin u li sar ghad-dannu ta' l-entità Inspire ta' Marsaskala u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra; (3) Nhar l-24 ta' Ottubru 2014, ghall-habta tas-6.15a.m., mill-hanut 'JM Bonello Butcher' fi Triq il-Kapuccini, Kalkara, ikkommetta serq ta' baskett kontenti, fost ohrajn, flus kontanti u Cheque Book tal-HSBC Bank Malta plc, liema serq hu aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), u li sar ghad-dannu ta' Charmaine Gerada u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra; (4) Nhar it-22 ta' Ottubru 2014, ghall-habta tal-5.15p.m., gewwa il-hanut 'New Look' fi Triq Haz-Zabbar, Fgura, ikkommetta serq ta' karus tal-karità kontenenti flus (muniti) ghad-dannu ta' l-entità Breast Cancer Awareness ta' Marsaskala u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra; (5) Nhar it-13 ta' Ottubru 2014, f'xi hin bejn id-9.15a.m. u l-11.30a.m., ikkommetta serq ta' flus minn vettura tat-tip Mercedes bin-Numru tar-Registrazzjoni FAF-302, li kienet ipparkjata fi Triq il-Kbira, Sqaq Nru. 3, Zabbar, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Josmar Agius u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra; (6) Nhar is-27 ta' Ottubru 2014, ghall-habta ta' l-4.30p.m., minn gewwa l-hanut 'Figaro' fi Triq Domenico Cachia, Birkirkara, ikkommetta serq ta' karus tal-karità kontenenti flus kontanti (muniti), liema serq sar ghad-dannu ta' l-entità Mission Fund u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra; (7) Nhar is-27 ta' Ottubru 2014, f'xi hin bejn l-4.30p.m. u l-5.30p.m., minn gewwa l-hanut 'Ta' Mallia' fi Triq il-Kbira, Birkirkara, ikkommetta serq ta' karus tal-karità kontenenti flus kontanti (muniti), liema serq sar ghad-dannu ta' l-entità Inspire ta' Marsaskala u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra; (8) Fil-lejl bejn l-4 u l-5 ta' Awwissu 2014, ikkommetta serq ta' flus minn vettura tat-tip Ford Connect bin-Numru tar-Registrazzjoni FGV-047, li kienet ipparkjata fi Triq l-Imdina, Qormi, liema serq hu aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' Paul Borg u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet ohra; (9) Ikkommetta l-istess reati hawn addebitati lilu, ilkoll punibbli bi prigunerija, fit-terminu operattiv ta' Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Orndi inghata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Marse-Ann Farrugia LL.D. fil-11 ta' Jannar 2013 ghal perijodu ta' tlett (3) snin; (10) Naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), presjeduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D., datat 27 ta' Awwissu 2014, li permezz tieghu l-istess imputat kien inghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja; (11) L-indirizz fuq il-Karta ta' l-Identità tieghu ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, u minghajr dewmien, huwa naqas milli jirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess Karta ta' l-Identità mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal.

L-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dana baqa' hekk iwiegeb anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1)

tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat il-Qorti ssibu hati ta' l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati mwettqa mill-imputat u minnu ammessi, fosthom ir-reat tal-ksur tal-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest, hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu fi stadju bikri tal-proceduri u li huwa ghandu problema serja ta' dipendenza mid-droga.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 261, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(1), 281(b) u 284 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba' u tat-tmien akkuza migjuba fil-konfront tieghu tikkundannah ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija izda peress illi fil-fehma Taghha fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jkunx ghaqli li tikkundanna lill-imputat ghal perijodu ta' prigunerija izda huwa iktar ta' beneficcju li l-istess imputat jinghata opportunità ohra biex jirriforma ruhu, ai termini ta' l-Artikolu 28A(1) u l-Artikolu 28E(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta it-terminu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija qed jigi sospiz ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed taghmel Ordni ta' Supervizjoni, anness ma' din l-istess sentenza, u b'hekk tqieghed lill-imputat taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghal perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' l-Ordni. F'dan il-kaz l-ufficjal sorveljanti li ghandu jigi nominat ghall-fini ta' l-Ordni ta' Supervizjoni impost fuq l-imputat ghandu jkun l-istess Probation Officer li gie nominat fil-kuntest ta' l-Ordni ta' Probation moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Marse-Ann Farrugia b'Digriet moghti fil-11 ta' Jannar 2013. Kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Supervizjoni moghti llum ghandha tigi notifikata minnufih lill-ufficjal sorveljanti a tenur ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-imsemmi artikolu jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu mal-kondizzjonijiet imposti fuqu fl-Ordni ta' Supervizjoni li qed jinhareg illum.

Ghal dak li jirrigwarda d-disa' akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat, wara li rat l-Artikoli 7, 10 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' tali akkuza, ghar-ragunijiet fuq espressi fil-kuntest tal-konsiderazzjoni dwar il-piena, il-Qorti taghzel li ma tittrattatx ma' l-imputat ghar-reat li dwaru kien sar l-Ordni ta' Probation tal-11 ta' Jannar 2013, izda ttikkonferma dak l-istess Probation Order.

Ghal dak li jirrigwarda l-ghaxar akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat, wara li rat l-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ittenni li qed issib lill-imputat hati ta' tali akkuza, tirrevoka l-helsien mill-arrest koncess lill-imputat bid-Digriet ta' din il-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Tonio Micallef Trigona datat 27 ta' Awwissu 2014 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imputat u tikkundannah ghall-perijodu ta' xahrejn (2) prigunerija effettiva. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-Qorti ma hijiex qed tordna li l-garanzija fl-ammont ta' hamest elef Euro (€5,000) imposta fuq l-imputat sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest tghaddi a favur il-Gvern ta' Malta.

Ghal dak li jirrigwarda l-hdax-il akkuza, wara li rat l-Artikoli 19 u 24(1) tal-Kap.258 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li qed issib lill-imputat hati ta' din l-akkuza, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ammontanti ghal mitt Euro (€100) kif ukoll ghall-hlas amministrattiv ta' zewg Euro (€2.00) kuljum ghal kull gurnata li matulha jkompli dan ir-reat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------